MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 19/2009

**Dr. Francis B. Vassallo bhala mandatarju specjali tal-kumpanija estera RUAG Aerospace Services GmbH (Registrata Munich, il-Germanja bin-numru HRB 145060)**

**vs**

**Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti,**

Il-prezenti huwa appell mis-socjeta` estera RUAG Aerospace Services GmbH, kif fl-atti rapprezentata, kontra d-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li ddikjara illi l-oggezzjoni taghha kienet inammissibbli ghax *fuori termine*. B’mod generali l-imsemmija socjeta` tissottometti b’obbjezzjoni illi d-Direttur ma rrispettax it-termini applikabbli skond il-ligi, u dan sew ghal raguni illi hu applika malament il-ligi u r-regolamenti dwar kalkolu ta’ termini, sew ukoll ghal fatt illi hi qatt ma giet notifikata

ufficjalment bid-decizjoni mehuda fil-konfront taghha. Ghaldaqstant, tillanja illi dik id-decizjoni tivvjolaha l-principju *audi alteram partem* u din il-Qorti ghandha, konsegwentement, tirrevoka dik id-decizjoni moghtija fis-17 ta' Gunju, 2009 u dik l-ohra ta' l-24 ta' Gunju, 2009, kif rikonfermata fil-25 ta' Gunju, 2009 u l-10 ta' Lulju, 2009;

Il-fatti sostanzjali li taw lok ghal dan l-appell huma brevement kif gej:-

1. Is-socjeta` estera kienet wahda mill-offerenti li ssottomettiet *tender* wara sejha ghall-offerti ghall-"Procurement of a fixed wing Maritime Patrol Aircraft" (CT 2427/2008);

2. Fis-17 ta' Gunju, 2009 gie mid-Direttur deciz illi l-kumpanija appellanti ma kienetx tikkwalifika biex tghaddi ghal fazi li kien imiss tal-process u dan ghar-raguni illi l-offerta taghha "*was not found to be technically compliant in view of lack of complete certification*". Fl-avviz ta' komunika ta' din id-decizjoni nghad ukoll illi l-oggezzjoni ghaliha kellha tasal fid-Dipartiment sat-23 ta' Gunju, 2009 f'12.00 p.m. flimkien ma' depozitu ta' somma ta' flus;

3. Skond id-Direttur l-avviz ta' din id-decizjoni tieghu gie komunikat lis-socjeta` appellanti fl-istess jum tas-17 ta' Gunju 2009 u dan fl-*e-mail address* li kien hekk jirrizulta mil-*letterhead* tal-kumpanija akkompanjanti t-*tender*. Is-socjeta` appellanti tghid illi dak l-*e-mail address* ma kienx wiehed minn dawk senjalati minnha bhala "*contact details*" fl-Annex tat-*tender* u allura ssostni illi hi dak l-avviz ma rcevietux fid-data imsemmija;

4. Permezz ta' *e-mail* datata 18 ta' Gunju 2009 Thomas Inke, id-Director Sales tal-kumpanija, talab li jintbaghtlu l-avviz fl-*e-mail address* indikat minnu. Jidher li dan hekk intbaghat lilu ghaliex l-ghada, 19 ta' Gunju 2009, hu baghat jinforma lil Bernard Bartolo tad-Dipartiment li l-kumpanija kienet behsiebha toggezzjona ghad-decizjoni mehuda. Dakinhar stess l-imsemmi Bartolo ghadda biex

ipprovdielu d-dettalji dwar il-modalita` ta' l-oggezzjoni li hu kellu jibghat;

5. B'*e-mail* datata 23 ta' Gunju, 2009 fl-12:02 p.m. Thomas Inke baghat javza lill-istess Bartolo illi hu kien baghat l-*objection letter* u *cheque* korrispondenti tad-depozitu permezz tal-*courier* TNT fil-jum ta' qabel. B'danakollu zied jiddikjara li t-TNT kien informawh illi l-ittra kellha tigi komunikata dakinhar stess fis-2:00 p.m. u ghal din ir-raguni talab li jinghata estensjoni tad-“*deadline*” sat-3.00 p.m.;

6. L-ghada ta' din l-*e-mail* ir-rapprezentant imsemmi tas-socjeta` gie informat illi l-oggezzjoni mibghuta ma kienetx ser tigi konsiderata “*due to late delivery of the respective letter*” li waslet fid-Dipartiment mill-*courier* fit-13.55 p.m. Dan kif rikonfermat ukoll fl-*e-mail* tad-Dipartiment tal-25 ta' Gunju, 2009 u fejn fiha nghad illi “*although there may be justified reasons for the delay, it is regretted to inform you that Regulation 82 of the Public Contracts Regulations is very stringent in the deadlines for the submission of objections*”, u, konsegwentment, “*the legislation does not authorise the Director of Contracts from accepting late objections whatever the reasons*”. Din l-espressjoni ta' fehma tad-Direttur tinsab ripetuta fl-ittra tieghu tal-10 ta' Lulju, 2009 lill-konsulent legali tas-socjeta` estera;

Premessi dawn il-fatti, huwa opportun illi jigu hawn riprodotti l-provvedimenti tar-Regolament 82 tal-Public Contracts Regulations (A.L. 177/2005), anke ghaliex ir-rizoluzzjoni tal-kontroversja tiddependi maggorment mill-interpretazzjoni tas-subincizi (3) u (4) tieghu:

(3) “Decizjoni li twassal ghat-twarrib ta' offerta matul xi stadju tal-process ghandha tinghata pubblikament fl-ufficcju ta' l-awtorita` kontraenti jew fid-Dipartiment tal-Kuntratti skond ma jkun il-kaz u l-offerent milqut ghandu jigi mgharraf b'dik id-decizjoni fi zmien jumejn tax-xoghol mill-pubbikazzjoni taghha”;

(4) "Ilment li jsir mill-offerent milqut u minn kull persuna li ghandha jew kellha interess li tikseb kuntratt partikolari ghandu jasal fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew ghand l-awtorita` kontraenti involuta, skond ma jkun il-kaz, fi zmien erbat ijiem minn meta jinghata avviz tad-decizjoni u dak l-ilment ghandu jkollu flimkien mieghu depozitu ta' 0.5% tal-valur stmat ta' l-offerta ...";

Kif gja osservat fl-esposizzjoni tal-fatti in kwantu ghall-avviz tar-rifjut ta' l-offerta ghal dik l-inottemperanza taghha ("*lack of complete certification*"), l-oggezzjoni mill-kumpanija appellanti kellha skond id-Direttur titwassal sat-23 ta' Gunju 2009 fl-12.00 p.m. Strettament, jekk wiehed kellu joqghod *ad litteram* mal-vot tar-Regolament 82 (4) dik l-oggezzjoni kellha suppost tasal sat-22 ta' Gunju 2009. B'danakollu hu spjegat mid-Direttur appellat fil-precittata ittra tieghu tal-10 ta' Lulju, 2009 lill-Avukat Vassallo illi "*given that it is unlikely that such notices are despatched at the beginning of any working day, it is customary for the Department of Contracts to give grace period of a half day until noon of the following working day"*;

Ipprecizat dan kollu, il-Qorti jidhrilha li jkun utli ghall-ahjar kjarezza illi, koncizament, tissudividi l-hsieb centrali fl-argoment komplessiv tas-socjeta` appellanti bil-mod infraskritt:-

1. Sal-prezent huwa ghadu formalment mhux notifikat bl-ittra tad-Direttur tas-7 ta' Gunju, 2009 izda, dato ma non concesso, illi huwa rceviha fit-18 ta' Gunju, 2009, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 102 tal-Kodici ta' Procedura ghall-atti gudizzjarji, iz-zmien tal-gheluq ghat-twassil ta' l-oggezzjoni kellu jkun l-24 ta' Gunju u mhux it-23 ta' Gunju, 2009;

2. Id-Direttur ma kienx *ope legis* fakoltizzat illi jillimita l-ahhar gurnata tat-terminu sa nofsinhar ghaliex, fl-assenza ta' xi ligi specjali jew regolament specifiku, it-terminu gurnata ghandu jitqies, bl-operat tad-

disposizzjonijiet rilevanti taht il-ligi ordinarja (Artikoli 103 u 104 tal-Kapitolu 12) li huwa ta' 24 siegha. Targomenta, allura, illi una volta l-oggezzjoni taghha twasslet fit-23 ta' Gunju, 2009 ma kienx hemm raguni biex l-istess ma tintlaqax. Fil-kuntest tissokta tissottometti illi d-Direttur ma setax bil-volonta` arbitrarja tieghu jakkorcja dak il hin ta' 24 siegha meta dan mhux gustifikat minn xi regolament;

(3) In konsegwenza ta' punt (1) u (2) id-Direttur gie li cahhadha mid-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq;

Kontra dawn il-prospettazzjonijiet fl-argoment tas-socjeta` appellanti, id-Direttur appellat jartikola d-difiza reattiva tieghu fit-termini li jsegwu:-

(1) Fl-ewwel lok, il-kumpanija appellanti giet notifikata bin-nuqqas tal-kwalifikazzjoni taghha fis-17 ta' Gunju 2009 u, f'kull kaz, fic-cert zgur fit-18 ta' Gunju, 2009, kif minnha stess ikkonfermat bl-*e-mail* taghha tad-19 ta' Gunju, 2009;

(2) Iz-zmien ta' erbat ijiem li jsemmi r-Regolament (4) huma "granet kurrenti" u mhux ukoll "granet tax-xoghol", anke jekk jikkoncedi li fit-test bl-Ingliz ir-referenza hi ghall-"*working days*";

(3) Ankorke, si tratta ta' granet tax-xoghol ghall-fattispeci kellu, se mai, ikollu applikabilita d-dispost ta' l-Artikolu 101 tal-Kodici ritwali, u dan igib li l-iskadenza tat-terminu ghall-proponiment tal-oggezzjoni xorta wahda kienet dik iffissata tat-23 ta' Gunju, 2009;

(4) Id-decizjoni tieghu li jillimita l-hin tal-gheluq sa nofsinhar ma kienet xejn *ultra vires*, in kwantu ir-Regolamenti kienu b'mod generali jippermettulu jaghmel dan ghall-fatt tal-konferiment lilu tal-poter diskrezzjonali u ma kienx hemm htiega ta' xi ligi jew regolament *ad hoc*. Barra minn hekk, il-Public Service Management Code kien jahseb ghall-iffissar ta' zmien (mis-7:30 a.m. sas-1:30 p.m.). Ukoll, fl-aghar ipotesi li l-hin tan-nofsinhar ma

kellux jigi impost, xorta wahda t-twassil ta' l-oggezzjoni fis-1.55 p.m. kien oltre il-hin regolamentari u, allura, *fuori termine*;

(5) Ghal ragunijiet predetti, konsiderat ukoll illi t-terminu koncess kien wiehed ragonevoli, l-invokazzjoni mis-socjeta` apepllanti tal-lezjoni tal-principju *audi alteram partem* ma seta' jkollha ebda fondament;

Premessa din ir-riproduzzjoni tal-veduti ta' naha u ta' ohra, l-ewwel kwestjoni li l-Qorti thoss li ghandha tibda biex tinvesti hi dik jekk, skond it-tezi tad-Direttur appellat, il-kumpanija appellanti gietx sew notifikata bid-decizjoni ta' l-istess Direttur fl-*e-mail address* raffigurat fuq il-*letterhead* taggha jew, kif aktar tard rettifikat mid-Direttur permezz ta' Nota (23 ta' Novembru, 2009) skond l-*e-mail address* provvdut mis-socjeta` appellanti fil-mument ta' l-akkwist tat-*tender document on line*;

Hu l-argoment tad-Direttur appellat illi hu ma kellu ebda obbligu, la mil-ligi u lanqas mit-*tender document* illi hu kellu bilfors jibghat il-korrispondenza fl-*e-mail address* indikat f'Annex 3 (Details of Bidder formanti parti mill-istess dokument). Ma' dan l-argoment din il-Qorti rispettosament ma taqbelx, u dan ghall-konsiderazzjonijiet li gejjin:-

1. In linea ta' principju generali hu maghruf illi element essenzjali ghall-ezistenza guridika ta' avviz jaghmlu l-komunikazzjoni tieghu in kwantu hu permezz ta' din l-istess komunikazzjoni li jigi senjat il-mument minn meta dak l-avviz jitwassal lid-destinatarju tieghu. Fil-kuntest tar-Regolament 82 (4) dan ghandu jircievi valenza magguri gjaladarba l-komunikazzjoni m'ghandiex semplici valur informattiv izda hi pjuttost mahsuba biex tintegra d-dettam tal-ligi ghall-iskop tad-dekorrenza tat-terminu ghall-proposizzjoni ta' l-ilment mir-ricezzjoni tad-decizjoni;

2. M'ghandux ikun prezunt illi d-data effettiva tal-komunikazzjoni hi dik murija fl-avviz la dan ma jkunx

twassal fl-*e-mail address* idoneju kif indikat mill-parti li ghandha tircevih;

3. Minn dak li jinzel mit-Tender Document hu sew fis-sostanza kif ukoll fl-ispirtu ta' dan l-istess dokument illi l-komunikazzjoni issir fl-idirizz "*designed by the Parties*". Li jfisser allura fl-*e-mail address* supplit mill-kumpanija appellanti fl-Annex 3 tieghu taht l-intestatura "Details of Bidder". Mod iehor jigi eluz ghal kollox l-iskop ta' dan id-dettal importanti fid-dokument u dan la jidher li hu accettabbli u wisq anqas lecitu in kwantu l-ghazla tal-*e-mail address* tkun tiddependi mill-arbitriju ta' min irid jibghat l-avviz;

Maghdud dan, xorta wahda ma hemmx qbil ma' l-asserzjoni tas-socjeta` appellanti illi hi baqghet ma rcevietx "formalment" il-komunikazzjoni ta' l-avviz mibghut lilha mid-Direttur. Ghall-Qorti, fil-previzjoni tal-precitat Regolament 82(4) hi attestazzjoni sufficjenti tal-fatt tar-ricezzjoni ta' l-avviz d-dikjarazzjoni espressa mis-socjeta` appellanti fl-*e-mail* taghha tad-19 ta' Gunju, 2009 illi dak l-avviz kien twasslilha zgur u fl-*e-mail address* minnha indikat fit-18 ta' Gunju, 2009. Li jfisser, b'interpretazzjoni, illi n-notifikazzjoni tieghu pperfezzjonat ruhha almenu minn din l-ahhar data. Agguntivament, imbaghad, wiehed ma jistax ma jzidx, b'osservazzjoni, illi r-Regolament innifsu ma jahsebx ukoll ghal xi forma sagramentali ghal kif l-avviz ghandu jkun komunikat izda bizzejjed li dan jigi hekk sempliciment imwassal u notifikat;

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-kwestjoni centrali dwar minn meta jibda jiddekorri t-terminu ta' erbat ijiem preskritt fil-predett Regolament;

Huwa forsi opportun illi qabel kull riflessjoni ohra tigi determinata l-kwestjoni kontrovertita jekk dak il-perijodu ghandux minn natura ta' "granet tax-xoghol" jew ta' "granet kurrenti". Id-Direttur appellat jikkontendi illi, gjaladarba ghandu jipprevali t-test Malti fuq dak bl-Ingliz, u gjaladarba wkoll it-test Malti ma jikkwalifikax dawk il-

granet bhala "*working days*" kif hekk ghall-kuntrarju jaghmel f'disposizzjonijiet ohra [ad ezempju, Regolamenti 6(4) u 83 (1)], dawn ghandhom jitqiesu bhala "granet kurrenti";

Il-Qorti tistqarr illi din il-problematika kkonfondietha xi ftit tenut rigward tal-konsiderazzjoni konsolidata illi t-test Malti ghandu prevalenza fuq it-test bl-Ingliz. B'danakollu, u wara li hasbet fit-tul dwarha, hi l-fehma tal-Qorti illi dak li kellu verament fi hsiebu l-legislatur meta ddetta r-Regolamenti kien illi ghal dawk li huma termini amministrattivi l-partijiet jigu koncessi trattament ugwali fis-sens illi, sija ghal dak li hu t-terminu tal-komunikazzjoni ta' l-avviz tat-twarrib ta' l-offerta mid-Direttur [Reg. 82(3)], sija ghat-terminu tat-twassil ta' l-ilment dwaru mill-offerenti, dan kellu jitqies bhal terminu "tax-xoghol". Dan il-hsieb wara kollox jikkorrispondi wkoll ghall-fehma tad-Direttur li sew fl-*e-mail* tieghu tal-25 ta' Gunju, 2009 lil Thomas Inke, kif ukoll fl-ittra tieghu tal-10 ta' Lulju, 2009 lill-Avukat Franco Vassallo, espressament iddikjara illi l-erbat ijiem kienu effettivament "*working days*";

Spustat it-terren minn din il-problematika tinsorgi l-kwestjoni gja esposta jekk id-dekors ta' l-erbat ijiem tax-xoghol ghandux il-bidu tieghu mill-istess data tan-notifika effettiva ta' l-avviz b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 101 tal-Kodici ta' Procedura, kif hekk kontez mid-Direttur appellat, jew, invece mill-gurnata sussegwenti ghal dik ta' l-istess notifika skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 102 ta' l-istess Kodici, kif hekk inhu prospettat mis-socjeta` appellanti;

Kif gja osservat ir-Regolament 82 (4) jipprovdi illi d-dekorriment tal-perijodu utli ta' erbat ijiem jibda jghaddi "minn meta jinghata avviz tad-decizjoni". Li jfisser, illi l-mixi tieghu hu maghmul dipendenti mill-event tan-notifika lis-socjeta` appellanti notifikanda b'dak l-avviz. Din il-prospettazzjoni, meta inkwadrata fid-dispost ta' l-Artikolu 101, Kapitolu 12, ghandha tfisser illi l-jum li fih saret in-notifika regolari ta' l-avviz ghandu jigi konsiderat ghall-

iskop tal-komputazzjoni taz-zmien legali ta' erbat ijiem. Li jfisser, ultimament, illi ankorke n-notifika ta' l-avviz lis-socjeta` appellanti sehhet fit-18 ta' Gunju, 2009, l-ahhar jum utli tax-xoghol ghat-trapass taz-zmien kien jibqa' dejjem dak indikat fl-istess avviz, ossija t-23 ta' Gunju, 2009, ukoll jekk din l-ahhar data skond ma jinghad mid-Direttur fl-ittra tieghu tal-10 ta' Lulju, 2009 kienet koncessjoni ta' nofs ta' nhar extra, dejjem attiz illi, ghalih, id-data tan-notifika kienet dik tas-17 u mhux ukoll tat-18 ta' Gunju, 2009;

Kif taraha din il-Qorti s-socjeta` appellanti ma tistax tippretendi, *a posteriori*, illi d-data tal-gheluq kellha tkun ghaliha dik ta' l-24 ta' Gunju, 2009, tant ghaliex ghall-kaz ma kienx applikabbli l-provvediment ta' l-Artikolu 102 tal-Kodici ritwali, tant ghaliex ukoll meta hi kienet hekk notifikata *a tempo debito* bl-avviz fit-18 ta' Gunju, 2009, la talbet li tigi akkordata xi estensjoni taz-zmien u wisq anqas ipprotestat ghal dak iz-zmien assenjat tat-23 ta' Gunju, 2009. Biex jinghad kollox, imbaghad, lanqas tista' tkun ta' xi soljev is-sottomissjoni minnha ventilata fil-kors tad-dibtattitu orali illi dak l-istess zmien ma kienx sufficjenti in vista tal-htiega tal-provvizjon tal-garanzija kif mir-Regolament 82 (4) stabbilit, in kwantu jekk wiehed joqghod ghall-*e-mail* taghha tat-23 ta' Gunju 2009 lid-Direttur, sew l-*objection letter* taghha kif ukoll "*the required deposit as cheque*" kienu diga minnha sottomessi fil-gurnata ta' qabel, ossija fit-22 ta' Gunju, 2009, "*by courier TNT*";

In ultima analisi, stabbilit ukoll illi l-ilment mis-socjeta` appellanti fir-realta` twassal fit-23 ta' Gunju, 2009, il-kwestjoni l-aktar fundamentali f'dan il-kaz hi wahda koncernanti l-hin ta' meta twassal dak l-ilment;

Hi t-tezi tas-socjeta` appellanti, b'applikazzjoni ta' l-Artikoli 103 u 104 tal-Kodici ta' Procedura, kombinati flimkien, illi la darba gurnata tinghadd ta' erbgha u ghoxrin (24) siegha, u la darba wkoll ma kien jezisti ebda regolament li

jiffissa hinijiet partikolari, id-Direttur ma setax *marte proprju* jqassar dak il-hin legali. Minn naha l-ohra l-kontro-deduzzjoni tad-Direttur appellat hi fis-sens li a norma tar-Regolament 5 is-setghat u l-attribuzzjonijiet vestiti fih kienu jikkonsentulu illi hu jistabilixxi limitazzjoni temporali. Addizzjonalment, li din l-istess setgha kienet ukoll wahda sostnuta mil-ligi in virtu tal-Public Service Management Code kontenenti l-hinijiet ufficcjali tad-Dipartimenti tal-Gvern;

Il-punt krucjali hawn involut mhux wiehed gdid u, anzi, jidher minn dak ricerkat illi ghal dawk li huma atti gudizzjali dan gie trattat sew fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede civili, ta' l-4 ta' Mejju, 1970 fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Mallia *nomine* -vs- Andrew Camilleri**". Dan kien kaz li jitratta dwar il-prezentata ta' nota ta' appell skond il-provvedimenti tal-ligi procedurali li kienu fis-sehh qabel l-emendi apportati ghal Kodici relattiv bl-Att Numru XXIV ta' l-1995. In essenza, ghal dak li jghodd, il-Qorti fissret l-Artikolu 104 predett fis-sens illi "l-ligi ghamlet din ir-riferenza specifika ("il-gurnata ta' wara") ghall-hinijiet tal-gheluq tar-Registru in relazzjoni ma' terminu ta' 24 siegha ghar-raguni manifesta li effettivament skond dik id-disposizzjoni, it-terminu jista' f'dak jirrizulta '*constructively*', jew izjed jew anqas minn 24 siegha veri u proprji in kwantu jaghlaq dejjem fil-hin tal-gheluq tar-Registru tal-guranta ta' wara dik meta jkollok inizju allavolja jkun beda jghaddi per ezempju mid-disgha ta' filghodu tal-gurnata ta' qabel (dak li jimporta aktar minn 24 siegha) jew per ezempju mis-sitta ta' filghaxija tal-guranta ta' qabel (dak li konversament jimporta anqas minn 24 siegha)". In konsegwenza ghal din l-interpretazzjoni taghha l-Qorti ghaddiet biex tkompli tirritjeni illi "kwalunkwe estensjoni ta' zmien wara l-hin tar-Registru tas-sitt gurnata (applikabbli ghan-nota ta' l-appell) jkun jimporta essenzjalment tigdid ta' terminu legali perentorju li ma jistax jigi mgedded";

Premess dan, jista' forsi jigi obbjettat illi t-terminu legali ta' erbat ijiem skond il-previzjoni tar-Regolament 82(4) mhux

wiehed perentorju, in kwantu ma huwiex iddikjarat espressament mil-ligi bhala tali.  Kontra din l-obbjezzjoni jwiegeb id-dispost ta' l-Artikolu 106 tal-Kapitolu 12 li jrid illi, ukoll, fejn it-terminu hu wiehed ordinatarju biex dan ikun prorogabbli, it-talba ghal daqshekk riedet dejjem issir qabel l-iskadenza tat-terminu u tal-hin prefiss u inoltre li tkun tezisti "raguni tajba".  Fejn allura t-terminu jithalla jiskadi din il-qaghda tipproduci l-effetti prekluzivi ta' l-iskadenza u timpedixxi l-koncessjoni ta' terminu gdid;

Dan kollu qed jigi rilevat ghal dawn il-motivi:-

1. Il-Qorti ma tistax taccetta l-proposizzjoni illi ghax gurnata tfisser 24 siegha l-jum tal-gheluq f'dan il-kaz ma kellux ikun dak tat-23 ta' Gunju izda tal-ghada, 24 ta' Gunju, 2009;

2. Kien jaqa' fil-potesta tad-Direttur u jiddixxendi wkoll minn regolamenti relattivi ghall-hinijiet ufficcjali tad-Dipartimenti Governattivi illi l-hin ta' l-ahhar jum utli jkun abbrevvjat;

3. Ankorke kellu jkun accettat illi skond dawk l-istess regolamenti l-hin tas-sajf ma kellux ikun 12.00 p.m. izda, se mai, is-1.30 p.m., dan ma jbiddel xejn mill-qaghda tal-kaz prezenti in kwantu l-ilment hawnhekk twassal bil-*courier* fil-hin tas-1.55 p.m., u allura f'kull kaz oltre l-hin regolamentari prefiss;

4. Ukoll, kif gja espost, b'kollegament, *gratia argomenti*, ma' l-Artikoli 106 tal-Kapitolu 12 is-socjeta` appellanti lanqas ma kellha raguni tajba fil-pretensjoni taghha ghall-estensjoni jew proroga taz-zmien ghaliex jekk jigi accettat dak ritenut minnha illi hi baghtet l-oggezzjoni flimkien mal-garanzija fil-jum tat-22 ta' Gunju, 2009 ma seta' kien hemm ebda raguni plawsibbli u valida biex ma jkunx rispettat il-hin pre-stabbilit.  Jekk ir-ritard kien dovut ghal-kondotta tal-*courier* imqabbad minnha, huwa fil-konfront ta' dan li s-socjeta` appellanti ghandha tidderiegi r-reklam u l-isforzi taghha.  Dan biex ma jinghadx ukoll illi t-talba ghall-estensjoni saret ukoll wara li

kien skada l-hin prefiss ta' nofsinhar (12.02 p.m.). Taht dan il-profil, u fil-kumpless, ma jistax jinghad li kienet tezisti raguni gustifikativa biex l-ilment ma jigix ipprezentat fit-terminu "*ad horam*" stipulat, u dwar liema, jrid jinghad b'ripetizzjoni, li ebda oggezzjoni ma tqajmet *a tempo vergine* mis-socjeta` appellanti. Maghrufa l-fatti, imbaghad, lanqas ma kien il-kaz li seta' jigi akkonsentit xi margini ta' tolleranza fic-cirkostanzi singolari ta' dan il-kaz;

Raggunta din il-konkluzjoni, il-Qorti ma tarax in-necessita li tinoltra ruhha fil-konsiderazzjoni ta' l-aggravji ta' l-allegat ksur tal-principju ta' smigh xieraq jekk mhux forsi biex ittenni illi "hi wkoll zbaljata s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-principju *audi alteram partem* kien wiehed li jittraxxendi r-regoli ta' procedura ... u li l-partijiet kienu tenuti u obbligati li josservaw". Ara "**Teddy Spiteri *et* -vs- Catherine Muscat *et***", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000. Ara wkoll f'sens konformi d-decizjoni tal-Prim' Awla, Qorti Civili, tas-7 ta' Lulju 2004, per Imhallef Tonio Mallia fl-ismijiet "**Anthony Mintoff -vs- Avukat Generali *et***", citata wkoll mill-appellat fit-twegiba tieghu ta' l-appell.

Ghal motivi kollha fuq senjalati din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur appellat illi l-ilment sottopost lilu mis-socjeta` appellanti kien *fuori termine*. Fic-cirkustanzi tenut qies ta' l-aspetti singolari ta' dan il-kaz huwa xieraq illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------